MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 96/2000/1

**Distinct Conversions Ltd. u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2010 l-isem 'Distinct Conversions Ltd.' gie sostitwit bl-isem 'D Limited'**

***kontra***

**Joseph Pitre` u ghal kull interess illi jista' jkollha Lorna Pitre`, mart l-istess Joseph Pitre`**

**Il-Qorti :**

Rat ic-**citazzjoni** prezentata mill-kumpannija socjeta' attrici fid-19 ta' Jannar 2000 li taqra hekk –

*Peress illi l-konvenuti kienu nkarigaw lis-socjeta' attrici sabiex tesegwixxi xoghlijiet ta' alterazzjoni u*

*benefikati fil-Farmhouse ta' Cincli, limiti tal-Bidnija u dan bil-prezz u kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet ;*

*U peress illi waqt ix-xogholijiet il-konvenut inkariga lis-socjeta' attrici biex tesegwixxi xoghlijiet ohra bil-prezz pattwit ;*

*U peress illi l-konvenuti, permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Settembru, 1999 (wara korretta ghad-data 22 ta' Ottubru, 1999, notifikata originalment bil-fax fit-18 ta' Ottubru, 1999), gharrfu lis-socjeta' attrici illi huma tterminaw b'effett immedjat l-appalt moghti lis-socjeta' attrici ;*

*U peress illi l-prezz tax-xogholijiet forniti mis-socjeta' attrici u spejjez maghmula mis-socjeta' attrici ghall-konvenut sad-data tat-terminazzjoni ta' l-appalt jammonta ghas-somma ta' wiehed u tletin elf tliet mija u tmintax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm31,318.65) oltre t-Taxxa fuq Valur Mizjud ("VAT") ammontanti ghal erbat elef sitt mija sebgha u disghin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm4,697.80) li minnhom il-konvenuti hallsu s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) akkont u ghalhekk il-bilanc dovut mis-somma fuq imsemmija u VAT oltre danni jew telf ta' qligh, huwa ta' hdax-il elf u sittax-il lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm11,016.45) ;*

*U peress illi wara li kien beda x-xoghol tal-appalt il-konvenut unilateralment ittermina l-appalt minghajr ebda raguni valida skond il-ligi u ghalhekk is-socjeta' attrici hija ntitolata a tenur tal-artiklu 1640 tal-Kodici Civili ghal hlas ta' somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti u li ma tkunx izjed mill-qligh li s-socjeta' attrici kienet sejra taghmel b'dak l-appalt ;*

*U peress illi l-konvenuti ma hallsux is-somma fuq imsemmija ta' Lm11,016.45 dovuta bhala bilanc ta' prezz ghal xogholijiet attwalment forniti u spejjez maghmula u*

*VAT kif ukoll naqsu li jaccettaw li jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-somma dovuta lis-socjeta’ attrici in vista tat-terminazzjoni tal-appalt ;*

*U peress illi l-konvenuti ma hallsux is-somma fuq imsemmija ta’ Lm11,016.45 dovuta bhala bilanc ta’ prezz ghal xogholijiet attwalment forniti u spejjez maghmula u VAT kif ukoll naqsu li jaccettaw li jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-somma dovuta lis-socjeta’ attrici in vista tat-terminazzjoni tal-appalt ;*

*U peress illi l-konvenuti ma hallsux is-somma fuq imsemmija ta’ Lm11,016.45 dovuta bhala bilanc ta’ prezz ghal xogholijiet attwalment forniti u spejjez maghmula u VAT kif ukoll naqsu li jaccettaw li jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-somma dovuta lis-socjeta’ attrici in vista tat-terminazzjoni tal-appalt ;*

*Ighidu ghaliex il-konvenuti ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi :*

*(1) tiddikjara illi l-konvenuti unilateralment u minghajr ebda raguni valida skond il-ligi tterminaw l-appalt miftiehem mas-socjeta’ attrici u dana minghajr il-kunsens tal-istess socjeta’ attrici ;*

*(2) tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-hlas tal-prezz miftiehem u kumpens dovut lis-socjeta’ attrici ghal xoghol maghmul minnha u spejjez inkorsi minnha kif ukoll ghal somma ohra ossia kumpens iehor jew danni li ma jkunux jeccedu l-qligh li s-socjeta’ attrici kienet taghmel bl-istess appalt ;*

*(3) tillikwida, jekk hemm bzonn, il-bilanc tal-prezz dovut mill-konvenuti lis-socjeta’ attrici ghal xoghol attwalment maghmul mis-socjeta’ attrici ghall-konvenuti u*

*l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici ghall-konvenuti u VAT relattiv fl-ammont ta' Lm11,016.45 jew somma ohra verjuri ;*

*(4) tillikwida dik is-somma ossia kumpens jew danni u VAT relattiv dovuti lis-socjeta' attrici mill-konvenuti a tenur tal-Artiklu 1640 tal-Kodici Civli u dan bhala konsegwenza tat-terminazzjoni anticipata tal-appalt, liema somma ma ghandhiex teccedi l-qligh li s-socjeta' attrici setghet taghmel bl-istess appalt ;*

*(5) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammonti hekk likwidati.*

*Bl-imghax fuq is-somma ta' Lm11,016.45 dekorribbli mid-data ta' dan l-att, u fuq is-sommom l-ohra dovuti mill-konvenuti lis-socjeta' attrici skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

*Il-konvenuti huma ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija attrici u l-lista tax-xhieda ndikati minnha.

Rat in-**<u>nota tal-eccezzjonijiet</u>** prezentata fit-<u>28 ta' Frar 2000</u> li taqra hekk –

*1. Illi l-ewwel u r-raba' talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi l-eccipjenti tterminaw l-appalt miftihem mas-socjeta' attrici minhabba ragunijiet validi fil-ligi, konsistenti f'inadempjenza kontrattwali sostanzjali da parti ta' l-istess socjeta' attrici, waqfien mix-xoghlijiet u abbandun tas-sit de quo, kif ukoll*

*element qawwi ta’ overpricing u double-charging ghax-xoghlijiet effettivament maghmula fuq is-sit in kwistjoni ;*

*2. Illi anke t-tieni u t-tielet talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi l-eccipjenti effettwaw il-pagamenti kollha dovuti ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet, datat 16 ta’ Settembru 1996, li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. JP1, li kien jistabbilixxi b’mod car illi l-ispejjez kellhom ikunu ta’ madwar tmint elef tliet mija u sebghin Lira Maltin (Lm8,370.00) piu’ t-Taxxa ta’ Valur Mizjud, u ghalhekk ammont ferm inqas mis-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000.00) illi s-socjeta’ attrici stess ammettiet li rceviet minghand l-eccipjenti, liema ammont, del resto, huwa sahansitra iktar baxx mill-ammont effettivament imhallas mill-eccipjenti ;*

*3. Illi ghalhekk isegwi illi m’hemm l-ebda hlasijiet dovuti mill-eccipjenti lis-socjeta’ attrici, anzi jirrizulta illi l-istess eccipjenti ghamlu hlasijiet zejda, u inoltre sofrew danni rizultanti mill-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta’ attrici, u fil-fatt, eventwalment, qieghda tigi pprezentata l-kontro-talba relattiva ghall-istess skond il-Ligi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa, il-lista tax-xhieda ndikati, u l-lista tad-dokumenti esebiti.

Il-konvenuti ressqu **kontrotalba** li taqra hekk :

*Peress illi l-konvenuti rikonvenjenti huma l-propjetarji tal-fond maghruf bhala l-farmhouse ta` Cincli, limiti tal-Bahrija ;*

*Peress illi s-socjeta` attrici rikonvenjenti Distinct Conversions Limited, dak iz-zmien maghrufa bhala Village Home People Company Limited, kienet accettat illi taghmel xogholijiet fuq il-propjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti, kif minnha dettaljati fl-ittra taghha datata 16 ta` Settembru 1996, li kopja taghha giet hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. JP1 ;*

*Peress illi l-hlas ghax-xogholijiet ta` twaqqigh u bini ta` partijiet mill-fond de quo, ftuh ta` bibien u twieqi, inkluz il-materjal bhal gebel, travi ta` l-injam, xorok u kontrabejt, u nkluz ukoll is-supervizjoni professjonali tax-xogholijiet, laqghat u ispezzjonijiet regolari da parti ta` l-arkitett inkarigat mill-istess socjeta` attrici rikonvenuta kellu jkun ta` tmint elef tliet mija u sebghin Lira Maltin (Lm 8370.00) piu` t-Taxxa ta` Valur Mizjud, skond kif jidher mill-istess ittra mmarkata bhala Dok JP1 ;*

*Peress illi s-socjeta` attrici rikonvenuta bdiet ix-xogholijiet fuq il-fond de quo, u ripetutament u regolarment matul il-perijofu ta` oltre sentejn u nofs illi kienu qeghdin isiru l-istess xogholijiet, kienet titlob pagament akkont u avvanzi varji minghand il-konvenuti rikonvenjenti, b`mod illi l-istess konvenuti rikonvenjenti hallsu somma komplessiva in eccess ta` sitta u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm 26,000.00) in konnessjoni mal-progett intrapriz mis-socjeta` attrici rikonvenuta, kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*Peress illi fis-sajf tal-1999, is-socjeta` attrici rikonvenuta bdiet tallega illi l-konvenuti rikonvenjenti kienu waqghu lura fil-pagamenti dovuti, u ghalhekk l-konvenuti rikonvenjenti kienu ghamlu l-verifiki taghhom minn fejn irrizulta illi huma kienu hallsu s-somma eccessiva msemmija hawn fuq, u wkoll illi s-socjeta` attrici rikonvenuta kienet talbet hlas ta` doppju jew eccessiv ghal diversi xogholijiet u servizzi kif jista` jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*Peress illi inoltre rrizulta illi f`dan il-perijodu ta` aktar minn sentejn u nofs, is-socjeta` attrici rikonvenuta kienet ghadha ma kkompletatx ix-xoghol minnha ntrapriz u inoltre kien hemm diversi xogholijiet li ma gewx esegwiti sodisfacentement skond l-arti u s-sengha u eventwalment abbanmdunat is-sit kompletament ;*

*Peress illi ghalhekk il-konvenuti rikonvenjenti ser ikollhom jinkarigaw terzi persuni sabiex jeffettwaw xogholijiet rimedjali fuq is-sit de quo u sabiex jispiccaw ix-xogholijiet intraprizi mis-socjeta` attrici rikonvenuta li ma gewx minnha kompletati ;*

*Peress illi ghal dawn ir-ragunijiet, il-konvenuti rikonvenjenti tterminaw il-kuntratt ta` appalt moghti lis-socjeta` attrici rikonvenuta skond il-ligi permezz ta` ittra ufficjali datata 22 ta` Ottubru 1999 li kopja taghha giet hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok.JP2 u noltre interpellaw lill-istess socjeta` attrici rikonvenuta sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni dovuti bhala rizultat kemm tal-hlas indebitu tas-somma eccessiva hawn fuq imsemmija, u wkoll bhala rizultat ta` l-inadempjenza kontrattwali ta` l-istess socjeta` attrici rikonvenuta ;*

*Peress illi minkejja li giet hekk interpellata, is-socjeta` attrici rikonvenuta baqghet inadempjenti ;*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` attrici rikonvenuta ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` attrici rikonvenuta ma aderietx ruhha ma` u effettivament kisret l-obbligi minnha assunti u lilha spettanti ai termini tal-kuntratt ta` l-appalt lilha koncess mill-konvenuti rikonvenjenti kif fuq premess ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghalhekk il-konvenuti rikonvenjenti kienu gustifikati illi jitterminaw l-istess kuntratt ta` appalt skond il-ligi ;*

*3. Tillikwida, occorrendo bl-opera ta` periti nominandi, id-danni kollha konsegwenzjali sofferiti mill-konvenuti rinkonvenjenti bhala rizultat ta` l-agiur, in-nuqqasijiet u l-inadempjenza tas-socjeta` attrici rikonvenuta, u kif ukoll l-ammont imhallas zejjed mill-konvenut rikonvenjenti kif fuq premess ;*

*4. Tikkundanna lis-socjeta` attrici rikonvenuta illi thallas lill-konvenuti rikonvenjenti tali somma hekk likwidata ;*

*5. Tiddikjara lis-socjeta` attrici rikonvenuta responsabbli ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghal kwalsiasi dannu li ghalih gew esposti l-konvenuti rikonvenjenti, rapprezentanti l-ispiza akbar necessarjament sopportata bl-inkarigu ta` appaltatur gdid, occorrendo bl-operat ta` l-istess periti nominandi ;*

*6. Tikkundanna lis-socjeta` attrici rikonvenuta illi thallas lill-konvenuti rikonvenjenti tali somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez u interessi legali kontra s-socjeta` attrici rikonvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa, il-lista tax-xhieda ndikati, u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat li mill-atti ma jirrizultax li l-kumpannija attrici wiegbet ghall-kontrotalba.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-3 ta` April 2000 (fol 29) fejn kien mahtur l-AIC Alan Saliba bhala perit tekniku sabiex jikkonstata liema xogholijiet gew esegwiti mis-socjeta` attrici u l-valur tal-istess xogholijiet.

Rat l-atti ta` din il-kawza kif svolgew sakemm inghatat is-sentenza parzjali minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta` Ottubru 2008..

Rat dik is-sentenza fejn inter alia nghad hekk :-

…. *Tordna li jigi nserit fil-process l-ewwel affidavit ta` Chris Cachia minn fol 36 sa 112 bid-dokumenti esebiti ;*

***Tilqa` l-ewwel zewg talbiet attrici ;***

***Tichad il-kontrotalba tal-konvenuti ;***

*U dwar it-tielet u r-raba` talba tas-socjeta` attrici ;*

*Terga` tinnomina lill-Perit Alan Saliba, spejjez provvisorjament ta` l-atturi, biex jillikwida l-ammont dovut taht dawn iz-zewg talbiet u dana billi, minghajr il-htiega li jerga` jisma` l-partijiet, jezamina l-process u partikolarment is-segwenti dokumenti :*

*L-affidavit ta` Chris Cachia specjalment fol 44 et seq para 23 sa 54 ;*

*Dokument VHP 33 a fol 92 et seq ;*

*Dokumenti a fol 423 sa 442 ;*

*L-affidavit tal-konvenut a fol 116 specjalment pagni 121 et seq ;*

*Dokument a fol 419 ;*

*Spejjez riservati ghad-decizjoni finali …*

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba li kienet prezentata fit-8 ta` Jannar 2009 u mahlufa quddiem din il-Qorti kif presjeduta fit-12 ta` Jannar 2010.

Semghet lill-perit tekniku jwiegeb ghal domandi in eskussjoni li sarulu waqt l-udjenza tal-25 ta` Frar 2010 (fol 589 sa 591).

Rat id-digriet taghha tas-17 ta` Mejju 2010 (fol 619 sa 621) fejn laqghet it-talba tal-kumpannija attrici sabiex isimha jigi jaqra *D Limited* minflok *Distinct Conversions Limited*.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut li kienet prezentata fis-6 ta` Mejju 2010 (fol 622 sa 627).

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-kumpannija attrici fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2010 (fol 628) fejn, filwaqt li rrimettiet ruhha ghar-relazzjoni peritali, iddikjarat li kienet edotta min-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut u li ma kellhiex aktar x`tirrileva.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta` Mejju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta` ostakolu.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex taghti s-sentenza llum.

**Ikkunsidrat :**

Din tal-lum hija kawza fejn is-socjeta` attrici qeghda tirreklama hlasijiet ta` prestazzjonijiet, spejjez sborsati u danni subiti wara t-tmiem ta` kuntratt ta` appalt fejn il-konvenuti kienu l-appaltanti waqt li l-kumpannija attrici

kienet l-appaltatur. Il-konvenuti kienu nkarikaw lis-socjeta’ attrici sabiex tikkonverti fond fil-Bidnija minn razzett ghal residenza. Wara li s-socjeta` attrici ghamlet xogholijiet, il-konvenuti unilateralment itterminaw l-appalt.

Bis-sentenza *in parte* ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta` Ottubru 2008, kienu milqugha l-ewwel u t-tieni talbiet attrici u kienet respinta ghal kollox il-kontrotalba tal-konvenuti. Ghalhekk din il-Qorti kif presjeduta trid iddeciedi t-tielet, ir-raba` u l-hames talbiet attrici.

Effett tas-sentenza *in parte*, kien accertat li l-appalt in kwistjoni ma kienx gie terminat mill-konvenuti ghal raguni valida. U ghalhekk kien rikonoxxjut id-dritt tas-socjeta’ attrici ghal-hlas tax-xoghol kien diga` tlesta (oltre spejjez li sborsat) u anke ghad-danni. Ghal dan il-fini, fis-sentenza stess, kien mahtur il-Perit Alan Saliba sabiex jillikwida l-ammont dovut skond it-tielet u r-raba` talbiet. Il-perit tekniku kien dirett sabiex *jezamina l-process u partikolarment is-segwenti dokumenti : l-affidavit ta` Chris Cachia specjalment fol 44 et seq para 23 sa 54, Dokument VHP 33 a fol 92 et seq, Dokumenti a fol 423 sa 442, l-affidavit tal-konvenut a fol 116 specjalment pagni 121 et seq u Dokument a fol 419.* Fis-sentenza *in parte*, ma kenitx indikata il-hames talba evidentement ghaliex dik it-talba hija konsegwenzjali ghal dak li jirrizulta skond it-tielet u r-raba` talba.

Sabiex estenda r-relazzjoni tieghu (fol 530 sa 580), il-perit tekniku segwa d-direzzjoni li kien moghti minn din il-Qorti. In partikolari, il-punti ta’ riferenza principali li adotta kienu fl-ewwel lok Dok.VHP20 (a fol 76 sa 78) fejn kienu elenkati x-xogholijiet mertu tal-appalt li huma konformi mal-permess tal-MEPA mahrug favur il-konvenut Joseph Pitre (a fol. 71) u fit-tieni lok Dok.VHP33 (a fol 92 sa 100) fejn hemm kwanifikata fid-dettall il-pretensjoni tal-kumpannija attrici. Huwa evidenti li ghamel ukoll riferenza ghall-provi l-ohra. B`riferenza ghall-quantum pretiz, il-perit

tekniku ghamel il-konstatazzjoni tieghu b`reqqa, u qasam il-pretensjonijiet attrici fi tmien partijiet (ara r-relazzjoni a fol. 539 tal-process).

Din il-Qorti taqbel li dik kellha tkun il-linja li kellu jadotta l-perit tekniku sabiex jespleta l-inkariku tieghu bl-aktar mod komplet.

Mir-relazzjoni peritali, din il-Qorti sejra taghmel riferenza partikolari ghal fol 541 et seq, u tislet dawk il-partijiet li huma rilevanti ghall-accertament tat-tielet, tar-raba` u tal-hames talbiet attrici, u precizament fejn is-socjeta` attrici talbet il-hlas ghal xoghol minnha ezegwit skond l-appalt, u l-hlas ta` danni konsegwenza tal-fatt li l-appalt kien terminat bla raguni valida mill-konvenuti -

**<u>Item 1</u> :**
**Tindif u tnehhija ta' skart u materjal u tqeghid mill-gdid ta' hajt dobblu ma l-ghalqa tal-genb.**

Jirrizulta illi sar parti mix-xoghol tat-tnehhija u tindif u peress illi s-socjeta' attrici ma ressqitx prova li dan sar kollu u li tqieghed hajt dobblu mill-gdid, il-perit tekniku qies l-ammont dovut ghax-xoghol li sar kien ta' Lm 40 u d-danni sofferti minhabba t-terminazzjoni unilaterali tal-appalt fl-ammont ta' Lm35.

F`dan l-istadju, din il-Qorti tosserva, b`riferenza ghall-enfasi li ghamel il-konvenut fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu dwar nuqqas ta` provi da parti tas-socjeta` attrici, li l-konsiderazzjoni li wasslet lill-perit tekniku sabiex jaghti l-valutazzjoni tieghu kienet fondata wkoll fuq dak li xehed il-konvenut li tikkostitwixxi prova ut sic.

**<u>Item 2</u> :**
**Zarmar bir-reqqa ta' tarag ta' barra u zewgt ikmamar fuq in-nofs in-nhar tal-faccata u**

**tnehhija ta' hajt** **ta' gebel li jerga' jintuza u tqeghid mill-gdid bil-gebla ta' l-istess tip.**

Iz-zarmar tat-tarag u taz-zewgt ikmamar jirrizulta li twettaq. Rigward l-uzu tal-gebel mill-gdid, din il-Qorti taqbel mal-perit tekniku illi dan ma jimpingix fuq l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghal dan l-item ghaliex jirrizulta li l-gebel izzarma bir-reqqa. Id-danni f'dan il-kaz huma Lm 350.

**Item 3** **:**
**Twaqqiegh ta' kamra u l-materjal jitwarrab fil-ghalqa ta' mal-genb biex jerga' jintuza.**

Dan ukoll jirrizulta li sar. Rigward l-uzu tal-gebel mill-gdid, din il-Qorti taqbel mal-perit tekniku illi dan ma jimpingix fuq l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghal dan l-item ghaliex jirrizulta li l-gebel izzarma bir-reqqa. L-ammont tad-danni huwa ta' Lm380.

**Item 4** **:**
**Zarmar bir-reqqa ta' tarag ezistenti u gbir ta' l-iskaluni biex jergghu jintuzaw.**

Il-konvenut jallega li kien hemm tarag wiehed biss u cioe' dak li ssemma f'item 2 hawn fuq billi t-tarag l-iehor li jidher fuq ritratt 1 a fol. 221 kien biss gebel '*ipplejsjati fuq xulxin'*. Skont il-perit tekniku, kemm mill-*existing plan* a fol. 201 kif ukoll mir-ritratti tal-fond qabel bdew ix-xogholijiet, jidhru zewg turgien li tnehhew. Il-perit tekniku jsostni li jekk it-tarag kienx mibni (pedata fuq pedata) jew mirdum (gebla fuq gebla) ma jaffettwax ix-xoghol involut sabiex jizzarma dak it-tarag ghaliex fejn fil-kaz ta` l-ewwel il-pedati biss iridu jizzarmaw, fil-kaz ta` l-ahhar ikun hemm involut ukoll ix-xoghol sabiex jitnehha l-materjal minn *taht* it-tarag. Il-perit tekniku stima d-danni f`dan il-kaz fl-ammont ta' Lm150.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut ighid li din l-istima kienet eccessiva. Il-konsiderazzjoni motivata tal-perit tekniku xxejjen il-kritika tal-konvenut.

**<u>Item 5</u> :**
**Tnehhija ta’ materjal u tindif ta’ hajt tal-konkrit li jigi mibdul ma` hajt tal-gebel mill-istess materjal imsemmi hawn fuq.**

Mhux ikkontestat illi dan ix-xoghol sar u l-ammont dovut mill-konvenut jammonta ghal Lm190.

**<u>Item 6</u> :**
**Irfieh ta’ tarag u tqattigh tal-pedamenti ta’ tahtu.**

Il-perit tekniku jsostni li dan ix-xoghol sar u l-ammont dovut huwa ta’ Lm190.

**<u>Item 8</u> :**
**Tnehhija u garr ta’ hajt li jigi mibdul ghall-travu ta’ l-injam ta’ l-istess qisien**

Irrizulta li dan ix-xoghol ma sarx kollu mis-socjeta’ attrici. Ghalhekk id-danni kienu stmati fl-ammont ta` Lm 60.

**<u>Item 9</u> :**
**Bdil ta’ saqaf minn travi ta’ l-injam u xorok qosra ghall-kileb u xorok tal-qasba bit-T beams tal-konkrit fuqhom**

Il-perit tekniku jghid li dan ix-xoghol kien kompletat u ghalhekk il-kumpens dovut kien ta` Lm3000.

**<u>Item 10</u> :**
**Gheluq ta' bibien li jaghtu ghas-sitting room billi jintuza l-istess gebel li gie mwarrab, hajt qoxra wahda bejn wiehed u iehor 200mm gholi u 1200 mm wiesgha.**

Dan ix-xoghol ma sarx ghaliex l-appalt gie terminat mill-konvenuti. L-ammont dovut in linea ta` danni kien stmat fis-somma ta` Lm15.

**<u>Item 11/12</u> :**
**Jitnehha t-travu ta' l-injam biex jinbiddlu x-xorok u concrete beams, bricks u kontrabejt**

Il-perit tekniku jirrileva li l-konvenut mhux jikkontesta li dan ix-xoghol sar fil-kamra tal-pranzu izda qed jikkontesta bhala esagerat il-prezz pretiz ghat-tqeghid tat-travi tal-konkos u *bricks*. Kien accertat ukoll li sar il-kontrabejt. Ghal dan ix-xoghol, il-perit tekniku jghid li huwa dovut l-ammont ta' Lm1390 skond il-kwotazzjoni originali li s-socjeta' attrici kienet tat lill-konvenut.

**<u>Item 13</u> :**
**Jinfethu erba` bibien fil-hajt**

Il-perit tekniku jirrelata illi l-konvenut qed jikkontesta bhala esagerata l-istima ghall-ftuh ta' erba' bibien fil-hajt tal-kamra tal-pranzu, kif ukoll li bieb minnhom kien diga` ezistenti oltre li z-zewg bibien li nfethu kienu zghar hafna. Fil-fehma tal-perit tekniku, is-socjeta' attrici fethet zewg bibien biss u l-ammont dovut ghal dawn ix-xogholijiet huwa ta' Lm560 filwaqt li in linea ta` danni fir-rigward ta` bieb iehor li kellu jinfetah (mhux tnejn ohra), l-ammont huwa ta' Lm30.

Kuntrarjament ghal dak rilevat mill-konvenut fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, ir-riserva tal-konvenut meta xehed ma kenitx dwar l-inkariku li kellha s-socjeta` attrici f'dan ir-rispett izda li l-ammont pretiz kien esagerat.

**Item 14** :
**Twaqqiegh u bini ta’ hajt dobblu fid-dressing room**

Il-perit tekniku jghid li waqt l-access u anke abbazi tar-ritratti, huwa sab li kienu saru xogholijiet ta’ twaqqiegh u ta’ bini mill-gdid ta` hajt inkluz fl-istima originali. Ghalhekk ghal dan, kien dovut mill-konvenut l-ammont ta` Lm325.

**Item 15** :
**Bini ta’ qoxra gdid fuq il-hajt tad-dressing room**

Din baqghet ma saritx ghax l-appalt kien mitmum mill-konvenuti. Id-danni tas-socjeta` attrici kienu stmati fl-ammont ta` Lm15.

**Item 16** :
**Ftuh ta’ bibien fis-salott**

Jirrizulta li dawn il-bibien infethu. Il-perit tekniku sab li x-xoghol tat-twessiegh ta’ bieb ezistenti huwa tal-istess natura daqs li kieku l-bieb ma kien jezisti xejn u dan peress li l-l-bicca l-kbira tax-xoghol involut f’dan il-kaz ikun jikkonsisti fil-blata li tigi ffurmata fuq il-bieb kif ukoll fil-formazzjoni tal-koxox. Il-prezz ta` Lm 1150 pretiz ghal dan ix-xoghol mis-socjeta’ attrici kien meqjus bhala ragonevoli mill-perit tekniku.

**Item 17** :
**Arkata tal-fireplace u saqaf tax-xorok**

Dan ix-xoghol sar.
L-ammont dovut huwa Lm290.

**Item 18** :
**Ftuh ta’ bieb**

Il-perit tekniku jghid li dan ix-xoghol ma sarx. Ghalhekk kienu dovuti biss danni ta` Lm15.

**<u>Items 19, 21 u 23</u> :**
**Gheluq ta' bieb, ftuh ta' twieqi, dahla fil-hajt**

Il-perit tekniku jirrileva li s-socjeta' attrici kienet qeghda titlob *loss of profit* ta' Lm15 + Lm40 + Lm115 fir-rigward ta` Lm60 + Lm290 + Lm690 ghall-eghluq ta' bieb, ftuh ta' twieqi u dahla fil-hajt rispettivament li kienu nkluzi fil-ftehim originali, u li baqghu ma sarux ghax kien terminat l-appalt. Is-socjeta` attrici taccetta li l-imsemmi ammont ta` Lm 170 intalab bi zball.

**<u>Item 20</u> :**
**Twaqqiegh u bini mill-gdid ta' hajt fil-guest annex**

Dan ix-xoghol ma sarx. Id-danni involuti jammontaw ghal Lm30.

**<u>Item 22</u> :**
**Estensjoni tal-guest annex**

Dan ix-xoghol ma sarx. Id-danni involuti jammontaw ghal Lm100.

**<u>Item 24</u> :**
**Twaqqiegh tal-guest room**

Il-perit tekniku ighid li dan ix-xoghol beda izda ma tkompliex. Il-prezz tax-xoghol li lahaq sar kien ta` Lm50 waqt li d-danni kienu jammontaw ghal Lm10.

**Ghalkemm fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu il-konvenut ighid li dak kien xoghol mhux patwit u**

**ghalhekk ma setax jigi akkordat telf ta' profitt, din il-Qorti tirrileva li l-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku kienu r-rizultat ta` apprezzament tal-provi fl-assjem taghhom u ta` dak li sab fl-accertamenti tieghu.**

**<u>Item 25</u> :**
**Bini tal-Guest Room**

Dan ix-xoghol ma sarx.
Id-danni jammontaw ghal Lm500.

Dak rilevat mill-konvenut fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu huwa kontradett mill-accertamenti tal-perit tekniku li dwarhom irrelata.

**<u>Item 26</u> :**
**Bdil tat-travu ta' l-injam u tax-xorok.**

Dan ix-xoghol sar.
Il-hlas dovut huwa ta' Lm440.

**<u>Item : 27 u 28</u> :**
**Twaqqiegh u bini mill-gdid tal-kamra tal-banju**

Dan ix-xoghol tlesta hlief ghall-konkos li kellu jsir fuq ix-xorok u l-ammont dovut huwa ta' Lm1500 u danni ta' Lm50. Rigward ix-xogholijiet zejda konsistenti minn saqaf bil-hnejja minflok travi ta' l-injam fil-kamra tal-banju, l-istima tal-perit tekniku kienet ta` Lm375.

**<u>Item 29</u> :**
**Bini ta' hajt b'gebel dobblu**

Dan ma sarx izda kien inkluz fil-ftehim originali.
Skond il-perit tekniku, id-danni jammontaw ghal Lm 210.

**<u>Item 30</u> :**
**Bini ta' tarag**

Saru l-pedamenti ghal dan it-tarag izda kien jonqos diversi xogholijiet ohra li ma sarux. Il-Perit Tekniku stima x-xoghol li sar fl-ammont ta` Lm200 waqt li d-danni kieneu determinati fl-ammont ta` Lm130.

**<u>Item 31</u> :**
**Tnehhija ta' pedament tat-tarag**

Dan ix-xoghol sar.
L-ammont dovut mill-konvenut huwa ta' Lm 50.

**<u>Item 33</u> :**
**Bini ta' hajt dobblu fl-akwedott**

Peress li dan ix-xoghol ma sarx kollu, l-ammont dovut ghax-xoghol li sar jammonta ghal Lm1400 filwaqt li d-danni jammontaw ghal Lm35.

**<u>Item 34</u> :**
**Bini ta' tlett akwedotti addizzjonali**

Dawn tlestew u l-hlas dovut ghal dan ix-xoghol huwa ta' Lm600 filwaqt li d-danni jammontaw ghal Lm30.

B`riferenza ghan-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut, il-perit tekniku ta r-ragunijiet tieghu ghala akkorda telf ta` dhul li din il-Qorti tqis plawsibbli.

**<u>Item 35</u> :**
**Bini ta' pilastri ta' l-akwedotti**

Il-perit tekniku jghid li dawn inbnew izda mhux b'gebel antik. Il-hlas dovut jammonta ghal Lm100.

**Item 36 :**
**Saqaf tal-gebel fuq l-akwedott**

Dan ix-xoghol ma sarx kollu izda sar fil-proporzjon ta’ 4 : 7. Il-hlas dovut kien Lm110 filwaqt li d-danni kien jammontaw ghal Lm20.

**Item 37 :**
**Blata biex taghlaq il-kuridur**

Saret u l-hlas dovut huwa Lm100.

**Item 38 u 39 :**
**Zarmar tal-hitan tal-kcina u tas-saqaf u bini mill-gdid**

Sar u l-hlas dovut huwa Lm2450.

**Item 40 :**
**Xogholijiet addizzjonali fil-kcina.**

Il-hlas dovut huwa ta’ Lm2200 peress illi l-perit tekniku huwa ta’ l-fehma li s-saqaf tal-kcina ma giex inalzat. Id-danni kienu jammontaw ghal Lm30.

B’riferenza ghan-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut, l-oggezzjoni tieghu hija kontradetta mill-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku.

**Item 42 :**
**Bdil ta’ travu ta’ l-injam**

Dan ix-xoghol ma sarx.
Ghalhekk huma dovuti biss danni fl-ammont ta` Lm35.

Wara li qieset dak relatat mill-perit tekniku, is-sottomissjoni tal-konvenut f`dan ir-rigward hija fondata.

**<u>Item 44</u> :**
**Twessiegh ta' tieqa ezistenti**

Il-perit tekniku sab li lahaq sar biss il-qlugh tax-xorok ta' fuq it-tieqa. Ghal dan ix-xoghol, il-hlas dovut huwa ta' Lm75 filwaqt li d-danni jammontaw ghal Lm25.

**<u>Item 45 u 46</u> :**
**Kostruzzjoni tal-kamra tal-banju u saqaf tax-xorok bit-travi ta' l-injam.**

Dan ix-xoghol ma sarx. Ghalhekk huma dovuti biss danni fl-ammont ta` Lm175.

**<u>Item 47</u> :**
**Hlas ghas-survey ta' Louis Attard**

Il-hlas dovut ghal dan is-servizz huwa ta' Lm109.10.

**<u>Item 48</u> :**
**Drittijiet tal-Perit Drago**

Il-hlas dovut huwa ta' Lm1250.

Dak li xehed il-Perit David Drago (fol 290 et seq) jikkontradici dak sottomessa mill-konvenut fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu. Il-perit koncernat ma kienx jikkwalifika bhala perit tal-kumpannija attrici izda bhala perit b'inkariku moghti mill-konvenut.

**<u>Item 49</u> :**
**Xiri ta' gebel antik**

Il-perit tekniku jirrelata li l-hlas dovut huwa ta' Lm1210 u Lm1963.75

**<u>Item 50</u> :**

**Xogholijiet – kileb u xorok tal-qasba fis-saqaf tat-torri**

Skond il-perit tekniku, il-kileb u x-xorok ma ntuzawx u thallew fuq is-sit minhabba t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' appalt. Huwa dovut l-ammont ta' Lm1100 ghal dan il-materjal.

**<u>Item 51</u> :**
**Skavar u tqattiegh ta' blat**

Dan ix-xoghol huwa stmat mill-perit tekniku fl-ammont ta` Lm1197.12

Is-sottomissjonijiet tal-konvenut fir-rigward ta`dawn l-ahhar tliet items mhumiex sostenibbli ghaliex anke jekk wiehed jaccetta l-argument li ma kienx prova kif trid il-ligi li dak ix-xoghol kien parti mill-inkariku jibqa` l-fatt accertat li x-xoghol sar ghall-beneficcju tal-konvenut u ghaldaqstant dan ma jista` jippretendi li ghandu jgawdi arrikkiment bil-hidma tal-kumpannija attrici.

**<u>Item 52</u> :**
**Damp proofing tal-hitan**

Il-perit tekniku jirrelata illi generalment fil-bini ta' hitan ikun normalment jinkorpora xoghol ta' damp proofing u allura l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut peress illi tali hlas huwa diga` nkorporat fil-hlas ghall-hitan.

**<u>Item 53</u> :**
**Bini ta' hajt tas-sejjiegh**

Dan ix-xoghol sar u huma dovuti Lm 2451.08 u Lm149.10. Id-danni jammontaw ghal Lm710.70.

Il-perit tekniku sostna li fuq ix-xogholijiet kollha inkluz id-drittijiet tas-surveyor kellha tapplika VAT ta` 15%. Kellha tapplika wkoll VAT ta` 15% fil-kaz tad-drittijiet tal-perit hlief ghal dawk fejn sar bdil tal-pjanti (ara para 114 tar-relazzjoni a fol 558 u 559) fejn kellha tapplika ETS ta` 5%.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut isostni li l-pagamenti li attwalment saru mill-konvenut kienu jammontaw b`kollox ghal Lm 26,000. Din il-Qorti rat il-konteggi tal-perit tekniku u hija sodisfatta bl-accertamenti tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta' natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu. Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza '**<u>Calleja v. Mifsud</u>'**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt tiskartah kif setghet skartat kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-att u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u*

*adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Ghalkemm huwa minnu li l-konkluzjonijiet peritali huma bhal kull materja istruttorja ohra kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif ighid l-Art. 681 tal-Kap. 12, il-Qorti mhix marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha, fl-istess waqt *dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti dan tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* (**'<u>Grima v. Mamo et</u> <u>noe</u>',** Qorti ta' l-Appell, 29 ta' Mejju 1998). *Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg, mill-lat tekniku.* **('<u>Cauchi v.</u> <u>Mercieca'</u>,** Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999 **; '<u>Saliba v.</u> <u>Farrugia</u>',** Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Jannar 2000 **; '<u>Calleja noe</u> <u>v. Mifsud</u>'** op. cit**).** *Il giudizio dell`arte espressa mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (**'<u>Bugeja et. V. Muscat et</u>',** Qorti ta' l-Appell, 23 ta' Gunju 1967). Fil-kaz tal-lum, irrizulta bhala fatt li wara li kienu maghrufa l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, il-konvenuti ghazlu ma jaghmlux talba ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali u llimitaw ruhhom li jeskutu l-istess perit tekniku.

**Ikkunsidrat :**

<u>Ghar-rigward tax-xoghol mill-appalt li lahaq kien ezegwit mill-kumpannija attrici</u>, il-perit tekniku stima dan

ix-xoghol (nkluza t-taxxa) fl-ammont ta` €75,807.01 (Lm32,543.95). Peress li l-konvenut kien diga` hallas €58,234.34 (Lm25,000), l-ammont bilancjali dovut lill-kumpannija attrici huwa ta` **<u>€17,572.68</u>** (Lm 7,543.95).

<u>Ghar-rigward tad-danni</u>, din il-Qorti tghid li l-Art.1125 tal-Kap.16 jistabilixxi li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat ghalih irid jaghmel tajjeb ghad-danni li tkun garrbet il-parti li maghha kien intrabat (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – PA/PS – 23 ta` April 2010 – **<u>"Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd"</u>**). Skond l-Art.1135 tal-Kap.16, dawn id-danni jikkonsistu fit-telf li l-kreditur ikun sofra u fil-qligh li jkun tilef minhabba l-inadempiment. Issa ladarba d-danni huma *ex contractu* l-ghan taghhom irid ikun dak li jaghmlu tajjeb ghall-hsara li l-parti kontraenti li ma tkunx inadempjenti turi li batiet minhabba l-ksur kontrattwali tal-parti l-ohra. Danni derivanti minn inadempjenza kontrattwali ghandhom ikunu ristretti u relatati ma' dik l-inadempjenza u ghandhom ikunu konsegwenzjali ghaliha ('**<u>Galea v. Combinati Transport Serv. Ltd</u>'** - Qorti ta' l-Appell - 30 ta' Marzu 2001**).** Propju ghalhekk fis-sentenza moghtija fil-15 ta` Dicembru 1952 (Kollez. Vol. XXXIV.I.367) mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**<u>Calleja noe vs Mamo et noe</u>**" inghad li dawn id-danni ma jistghux ikunu ghodda ta' kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkazjoni ghall-parti adempjenti li tarrikkixxi ruhha bi hsara ghall-parti inadempjenti.

Fil-kaz tal-lum, il-perit tekniku stima dawn id-danni fl-ammont ta` €4,031.56 (Lm 1.730.75). Din il-Qorti tghid li fil-kuntest ta` dak li rrilevat fir-rigward ta` Item 42, id-danni ghandhom ikunu **<u>€3950.03</u>** (Lm 1695.75).

Din il-Qorti tqis li fl-assjem taghha l-valutazzjoni peritali hija ragonevoli u ekwa (ara : "**<u>Camilleri et v. The Cargo Handling Co. Ltd</u>**." – PA/PS - 13 ta' Ottubru 2004 – "Fis-sistema legali taghna hu risaput li *hu rikonoxxut lill-gudikant…il-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni*

*ekwitattiva.*”). Din il-Qorti tghid dan bl-aggunta ta` riferenza ghal dak li sostniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza (PA/JRM) ‘**<u>Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et`</u>** fis-sentenza taghha tal-1 ta’ Marzu 2004 meta qalet hekk -

*Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta’ fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konkluzjonijiet ta’ perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta’ prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita’ sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta’ provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b’sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux*

In aggunta, din il-Qorti jidhrilha li ghandha ticcita minn dak li kien deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kawza “**<u>Camilleri noe</u>** **<u>v. Debattista noe</u>**” fid-9 ta` Frar 2001 –

*… ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b’ mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominate.*

Din il-Qorti sejra tadotta, <u>bl-eccezzjoni ta` dak li rrilevat qabel</u>, il-motivazzjoni u l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku propju ghaliex sabet li qeghda sewwa l-inkariku tieghu.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi kif gej –**

**1) Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn dawn jolqtu t-tielet, ir-raba` u l-hames talbiet attrici li baqghu mhux decizi wara s-sentenza ta` din il-Qorti tat-3 ta’ Ottubru 2008 fejn kienu milqugha l-ewwel zewg talbiet attrici u michuda l-kontrotalba tal-konvenuti.**

**2) Tilqa` t-tielet talba attrici b`dan illi tillikwida l-ammont ta` sbatax-il elf, hames mija u tnejn u sebghin Ewro u tmienja u sittin centezmi (€17,572.68) bhala bilanc ta` l-prezz dovut ghax-xoghol li sar mis-socjeta’ attrici fl-ambitu tal-appalt in kwistjoni, inkluzi l-ispejjes sborzati mill-kumpannija attrici.**

**3) Riferibbilment ghall-hames talba, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta` sbatax-il elf, hames mija u tnejn u sebghin Ewro u tmienja u sittin centezmi (€17,572.68) bhala bilanc ta` l-prezz dovut ghax-xoghol li ezegwiet fl-ambitu tal-appalt in kwistjoni, inkluzi l-ispejjes, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**4) Tilqa` r-raba` talba u tillikwida s-somma ta’ tlitt elef disa` mija u hamsin Ewro u tliet centezmi (€3950.03) in linea ta` danni, kollox inkluz.**

**5) Riferibbilment ghall-hames talba, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta` tlitt elef disa` mija u hamsin Ewro u tliet centezmi (€3950.03) in linea ta` danni, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**6) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------